Dok. 30

**Brincat Anna at Parlament-MT**

**From:** Caruana Joseph F at MESDC-OPS
**Sent:** 23 April 2018 13:15
**To:** Brincat Anna at Parlament-MT
**Cc:** beppefa@go.net.mt; robert@abelaadvocates.com; clayton@claytonbartolo.com; Azzopardi Jason at Parlament-MT; Farrugia Julia at OPM; claudio.grech@gmail.com; kristy.debono@gmail.com; Muscat Alexander at OPM
**Subject:** RE: Information requested by PAC

Sra Brincat

Niskuża ruħi għad-dewmien imma kont qed nistenna risposta mingħand il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

Kif spjegajt fix-xhieda tiegħi tas-17 t'April 2018, peress li dak il-ħin jien ma kellix f'idejja l-informazzjoni mitluba jew ma stajtx niftakar b'ċertezza, jiena kelli nivverifika u nikkonferma l-informazzjoni mitluba fil-mistoqsijiet t'hawn isfel. Wara li vverifikajt mal-uffiċċjali/dipartimenti kkonċernati qed ngħaddi l-informazzjoni ta' hawn taħt.

**1. Jekk bejn Jannar 2016 u Ġunju 2017 kienx hemm talbiet għal ammonti supplimentari sabiex jitħallsu salarji, aktar minn dak ipprovdut fil-budget annwali ta' Wasteserv;**

Mill-informazzjoni li ġbarna ma jidhirx li fil-perjodu in kwistjoni kienet saret talba għal ammonti supplimentari speċifikament sabiex jitħallsu salarji, aktar minn dak ipprovdut fil-budget annwali ta' Wasteserv. Iżda f'Settembru 2016 kienet saret talba direttament mill-WasteServ lill-Ministeru tal-Finanzi għal żieda fl-allokazzjoni tal-Wasteserv li primarjament kienet ġejja minħabba il-ftuħ tal-impjant il-gdid tal-Malta North. F'Ottubru 2016 il-Ministeru tal-Finanzi kien approva zieda ta' €1m filwaqt li fl-aħħar ta' Novembru 2016 kienet ġiet allokata żieda oħra ta' €0.9m. Bejn Jannar u Ġunju 2017 ma jirriżultax li kien hemm talbiet simili għal xi allokazzjoni addizzjonali.

**2. Lista tax-xogħlijiet li saru bejn Jannar 2016 u Ġunju 2017 mill-Marine, Storm Water and Valley Management Unit, kif ukoll lista tax-xogħlijiet li jsiru matul is-sena mill-istess unit;**

Kif għidt fix-xhieda tiegħi, f'Awwissu 2017, il-Ministru Herrera kien waqqaf Task Force bejn il-Parks, il-WasteServ, il-Valley Management Unit (mill-Ministeru għall-Ambjent), il-Marine u Storm Water Unit (mill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali), mid-Dipartiment tal-Cleansing (mill-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali). Rappreżentant mill-Reġjun tal-Kunsilli Lokali u rappreżentant tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi. Dan it-Task Force jitmexxa mid-Direttur tal-Parks u minn Awwissu 2017 'l hawn saru xogħlijiet f'Wied Inċita/Irmiedi, fil-Marsa Ditch, fi Triq il-Wied, f'Wied iċ-Ċawsli, Wied il-Kbir, Wied is-Sewda, Wied Baqqiegħa, Wied Qirda u Wied Sant Antnin. Minn dawn is-siti nġabar ħafna skart u materjal goff u tneħħew ukoll pjanti u siġar invasivi bħar-riġnu, l-akaċja u l-qasab. Grazzi għall-ħidma tat-taskforce, nġabru mis-siti msemmija aktar minn għoxrin tunellata ta' pjanti u siġar invasivi u 'l fuq minn elf metru kubu ta' skart mormi llegalment. L-intervent sar fuq medda ta' aktar minn ħames kilometri ta' art li kienu joffru diffikultajiet t'aċċess u anke ċirkostanzi fejn ix-xogħol kellu jsir b'sensittività akbar minħabba l-impatt fuq l-ambjent tal-madwar.

Sadanittant peress li l-Valley Management Unit effettivament għaddiet fi ħdan il-Ministeru tiegħi fis-sajf tal-2017, (wara li din inqasmet minn mal-Marine u Storm Water Unit fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali) l-informazzjoni mitluba dwar xogħolijiet tal-Marine, Storm Water and Valley Management Unit bejn Jannar u Gunju 2017 u imbagħad x'xogħol isir minnhom matul s-sena, tlabtha mingħand il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali li tawni l-informazzjoni ta' hawn taħt:

**(a) Xogħlijiet tal-Marine, Storm Water and Valley Managment Unit bejn Jannar 2016 u Ġunju 2017**

**Sezzjoni Marittima**

- Ġew ippreparati numru ta' proposti differenti għall-bini ta' pixxina tal-*waterpolo* f'Wied il-Għajn. Wara li ntagħżlet il-proposta finali, ġew ippreparati l-pjanti u ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar. Ġie ppreparat ukoll id-dokument tas-sejħa għall-offerti għall-investigazzjoni tal-blat u għax-xogħlijiet. Sar l-istudju tal-ħama u tal-materjal li jinsab fiż-żona u ġew evalwati l-offerti għax-xogħlijiet.

- Saret investigazzjoni tal-blat relatati mal-bini ta' *breakwater* ġdid u t-tiswija ta' *breakwater* eżistenti f'Marsaxlokk. Ġew sottomessi d-dokumenti kollha neċessarji kif mitluba mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi sakemm ħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. Ġew ippreparati wkoll id-dokumenti tas-sejħa għall-offerti għas-servizz ta' *Project Management team.*
- Saru l-applikazzjonijiet u nħarġu l-permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar
  - biex jiġi rranġat skall u jittawwal moll eżistenti f'Santa Marija Estate, fil-Mellieħa;
  - għall-bini ta' rampa li tintuża' minn persuni bi bżonnijiet speċjali biex jinżlu l-baħar f'Ta' Xbiex;
  - biex jiġi estiż skall f'Xatt it-Tiben biex jintuża mill-klabb tal-Vikings; u
  - għall-estensjoni ta' skall ieħor fl-Isla għall-użu mill-Għaqda Dilettanti u Barklori.
- Ġew ippreparati l-pjanti u d-dokumenti neċessarji u saret applikazzjoni għall-permess mill-Awtorita' tal-Ippjanar għall-bini ta' Ċentru għall-għaddasa f'Wied il-Għajn.
- Ġiet ippreparata skema biex jiġu organizzati ż-żona tax-Xewkija u l-Qala tal-Kalkara bħala parti minn proġett ta' riġenerazzjoni fil-Kalkara.
- Saru xogħlijiet ta' tiswija fix-*Chalet* f'Tas-Sliema u fil-ħajt tal-Menqa f'San Pawl il-Baħar, kif ukoll xogħol ta' restawr fuq il-ħitan tas-Sukkursu fis-Salina.

**Sezzjoni għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita**

- Ġew mibnija numru ta' *culverts* għall-ilma tax-xita f'Ħaż-Żabbar, Ħal Qormi u Ħaż-Żebbug bħala parti mill-proġett għat-Taffija tal-Għargħar
- Tlesta l-bini ta' blokk ta' uffiċini u mħażen biex jintużaw għall-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-istess proġett.
- Saru xogħlijiet konnessi mal-ilma tax-xita f'Ħal Għargħur
- Beda l-bini ta' sistema ta' *culverts* għall-ilma tax-xita f'numru ta' toroq fil-Kalkara bil-għan li tiġi mtaffija l-problema tal-għargħar fit-toroq ta' madwar il-knisja.

**Sezzjoni għall-Immaniġjar tal-Widien**

- Twettaq xogħol ta' tindif u qlugħ ta' pjanti nvażivi f'numru ta' widien, fosthom: Wied Sant'Antnin f'Marsaskala; Wied Għajn Żejtuna fil-Mellieħa; Wied Għomor f'San Ġwann; Wied Liemu fir-Rabat; Wied Qannotta f'Burmarrad ; Wied iċ-Ċawsli f'Ħal Qormi.
- Sar l-ewwel fażi ta' studju biex jiġi riabilitat Wied Blandun fil-Fgura u Raħal Ġdid. Dan il-proġett qed isir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta.
- Ingħatat wkoll assistenza teknika lill-Aġenzija tal-Enerġija u l-Konservazzjoni tal-Ilma fuq il-proġett ta' riabilitazzjoni ta' Wied il-Qlejgħa fir-Rabat.
- Saret applikazzjoni għal fondi Ewropej taħt il-programm *Life IP* biex isir immudellar ta' *catchment areas,* u proġetti ta' dimostrazzjoni ta' *Sustainable Drainage Systems (SuDS).* Din l-applikazzjoni giet milqugħa.
- Sar xogħol fuq it-tħejjija ta' applikazzjoni għal fondi Strutturali Ewropej biex isir pjan għal restawr f'numru ta' widien u jsir proġett pilota ta' immaniġġjar integrat tal-widien f'Wied il-Għasel.

### (b) Xogħlijiet tal-Marine, Storm Water and Valley Managment Unit li jsiru matul s-sena

**Sezzjoni Marittima:** Isiru nterventi u tiġi pprovduta assistenza teknika fil-bini u t-tiswija ta' strutturi pubbliċi madwar il-kosta.
**Sezzjoni għall-Kontroll tal-Ilma tax-Xita:** Isiru xogħlijiet fuq sistemi għall-kontrall tal-ilma tax-xita f'lokalitajiet fejn hemm problema ta' għargħar. Issir wkoll il-manutenzjoni neċessarja fuq l-infrastruttura mibnija permezz tal-Proġett Nazzjonali għat-Taffija tal-Għargħar kif ukoll fuq ġibjuni li jircievu l-ilma tax-xita.
**Sezzjoni għall-Immaniġjar tal-Widien**: Wara li jinġiebu l-permessi neċessarji mill-Awtorità tal-Ippjanar u l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, isiru nterventi ta' tneħħija ta' materjal, bini u restawr ta' ħitan tas-sejjieħ, tneħħija ta' speċi aljeni u/jew invażivi, tħawwil ta' arbuxelli u xogħolijiet oħra ta' manutenzjoni fil-widien.

## 3. Kemm għaddiet ħaddiema Wasteserv mal-parks u x'tip ta' arranġament jeżisti bejn Wasteserv u d-dipartiment;

L-ammont ta' ħaddiema tal-WasteServ li li hemm taħt it-tmexxija tal-Parks huwa ta' tmienja u għoxrin. Wieħed minn dawn il-ħaddiema jagħmel xogħol ta' Heavy Plant Driver u ilu assenjat mal-PARKS sa minn Ottubru 2012. Il-ħaddiema l-oħrajn ġew assenjati mal-Valley Management Unit u f'siti oħrajn li huma ġestiti mid-Direttorat tal-PARKS. Dawn jagħmlu xogħol ta' tindif u ta' ġbir u separazzjoni tal-iskart. Il-ħinijiet tal-ħaddiema msemmija huma l-istess bħal tal-ħaddiema l-oħra tal-PARKS u x-xogħol li jwettqu jsir taħt id-direzzjoni tad-Direttur tal-PARKS.

Madankollu, għal kull skop u intenzjoni, dawn jibqgħu ħaddiema ingaġġati, permezz tal-WasteServ, mingħand il-kuntrattur u allura jibqgħu jibbenefikaw mill-kundizzjonijiet ta' ħaddiema oħra tal-kuntrattur li għandha l-WasteServ.

Minħabba li x-xogħol li jwettqu dawn il-ħaddiema huwa konformi mar-responsabbiltajiet ta' waste management li għandha l-WasteServ, il-kumpanija ma tirċievi l-ebda rifużjoni ta' salarji mingħand id-Direttorat tal-PARKS. Dan bl-eċċezzjoni tal-ħaddiem li jagħmel xogħol ta' Heavy Plant Driver, li l-paga tiegħu titħallas lura lill-WasteServ mid-Direttorat tal-PARKS.

**4. L-ammont ta' persons of trust li hemm f'Wasteserv u li kienu approvati minnek; u**

Fil-preżent fil-WasteServ hemm żewġ individwi li l-proċess tal-ingaġġ tagħhom, li jmur lura għall-2013 u l-2014, kien sar "on trust basis" skont il-provvedimenti taċ-Ċirkolari OPM/21/2011. Wieħed minn dawn il-persuni huwa s-Sur Emanuel Micallef li l-ingaġġ tiegħu kien ġie approvat kif spjegat hawn taħt. L-ingaġġ tal-persuna l-oħra (i.e. il-Perit Jesmond Mugliett) kien ġie approvat ukoll bl-istess proċedura.

**5. Il-proċess tal-għażla u tal-ħatra tas-Sur Manwel Micallef, Chief Officer Organisation Development.**

Inizjalment is-Sur Micallef kien ġie ngaġġat fil-WasteServ bħala Chief Corporate Services Officer b'seħħ mill-24 ta' Marzu 2014. Is-Sur Micallef kien ġie identifikat min-naħa tal-WasteServ stess u l-ingaġġ tiegħu kien sar b'mod urġenti fid-dawl li fil-jiem ta' qabel iċ-Chief Corporate Services Officer li kellha l-WasteServ kien ġie nieqes. L-ingaġġ kien sar skont il-provvedimenti taċ-Ċirkolari OPM/21/2011 "Engagement / Renewal of engagement of persons appointed on a 'person of trust' basis", hekk kif maħruġa nhar l-14 ta' Diċembru 2011. Fost l-oħrajn, din iċ-ċirkolari kienet tipprovdi għall-ingaġġ on trust ta' "specific positions [li jinkludu] engagements in managerial positions (e.g. CEO, Senior Manager, etc)". Skont l-istess ċirkolari, dawn setgħu jiġu approvati kif ikkwotat hawn taħt wara li, fost l-oħrajn, jinksibu l-kummenti tal-Ministeru tal-Finanzi dwar il-pakkett propost:

"Line Ministers will henceforth approve requests for specific positions made in respect of engagements by direct recommendation to positions with units/ entities falling within their ministry portfolio. "

B'dan il-mod, ai termini taċ-Ċirkolari/21/2011, il-ħatra tas-Sur Micallef kienet ġiet approvata mill-Ministru ta' dak iż-żmien wara li saret il-kommunikazzjoni neċessarja mal-Ministeru tal-Finanzi. Il-bidla fid-designation tas-Sur Micallef, jiġifieri minn Chief Corporate Services Officer għal Chief Officer Organisational Development kienet saret fl-2016 bi qbil bejn il-WasteServ u l-Ministru ta' dak iż-żmien. Mill-ġdid, dan seta' jsir skont il-provvedimenti taċ-Ċirkolari OPM/21/2011 li dak iż-żmien kienet għadha fis-seħħ.

Inselli għalik

Joseph Caruana
Permanent Secretary
Office Of The Permanent Secretary
Head Office

t +356 22926201 m +356 79403591 e joseph.f.caruana@gov.mt
www.environment.gov.mt | www.publicservice.gov.mt
Valletta 2018 - European Capital of Culture www.valletta2018.org
Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT,
SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

MESDC OFFICES, 6, TRIQ HAL QORMI,
SANTA VENERA, MALTA

**From:** Brincat Anna at Parlament-MT
**Sent:** Wednesday, 18 April 2018 06:06
**To:** Caruana Joseph F at MESDC-OPS
**Cc:** beppefa@go.net.mt; robert@abelaadvocates.com; clayton@claytonbartolo.com; Azzopardi Jason at Parlament-MT; Farrugia Julia at OPM; claudio.grech@gmail.com; kristy.debono@gmail.com; Muscat Alexander at OPM
**Subject:** Re: Information requested by PAC

Sur Caruana